MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 173/2009

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C D gja' B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li huwa zzewweg lill-konvenuta fis-7 ta' Gunju 2002, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [e], dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [g], u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafi [c] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm verament dik il-komunjoni ta' hajja li tikkostitwixxi zwieg; li ghalhekk iz-zwieg ta' bejniethom huwa null; li l-partijiet sseparaw bonarjament wara

konvivenza qasira, u qatghu kull kuntatt minn ma' xulxin; ghaldaqstant talab li z-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti, u li ssir id-debita annotazzjoni fl-att taz-zwieg relattiv;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta ddikjarat li hi taqbel li, kien wara z-zwieg, li hi saret taf li l-attur kien inkapaci li jipprokrea; li taqbel mat-talba ghan-nullita' taz-zwieg attribwibbli unikament lill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntratat fis-7 ta' Gunju 2002 huwa null fit-termini ta' l-artikolu fuq citat.

Minn naha taghha l-konventa taqbel ma' din it-talba, izda tattribwixxi t-tort unikament lill-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Gunju 2002 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba [4] snin. Wara sentejn miz-zwieg il-konvenuta skopriet li l-attur ma setghax ikollu tfal, u li hu kien jaf b'dan il-fatt sa minn qabel iz-zwieg. Dan il-fatt kien fonti ta' inkwiet u glied kontinwu bejn il-partijiet, stante li l-konvenuta xtaqet it-tfal fiz-zwieg. Wara konvivenza ta' circa hames [5] snin, il-partijiet isseparaw.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*
L-attur jibda biex jghid li, sa minn qabel iz-zwieg l-partijiet kienu jillitigaw hafna rizultat ta' inkompatibbilita' ta' karattru; izda r-relazzjonijiet intimi kienu regolari, u l-partijiet, allura namrati, kienu jaghmlu l-att taz-zwieg bil-

prekawzzjoni billi l-attur, fuq insistenza tal-konvenuta, kien juza l-condoms.

L-inkwiet matrimonjali beda meta, wara sentejn fiz-zwieg, il-konvenuta bdiet tinsisti li jippruvaw ghat-tfal, u, ghalkemm il-partijiet ippruvaw ghal dan il-ghan, hija xorta wahda baqghet ma hargitx tqila. Eventwalment huma marru ghand il-Professur Mark Brincat li kkonferma lill-partijiet li l-attur kellu sperm-count baxxa tant li kienet taghmilha difficli hafna biex ikollhom it-tfal. Il-konvenuta issottomettiet ruhha ghal intervent kirurgiku biex forsi tinqabad tqila, izda nutilment. Dan, kien ta' dizappunt kbir ghaliha li tghid li sa minn qabel iz-zwieg kienet tghid li hi trid it-tfal. Rizultat ta' dan, bdiet tidhol il-bruda bejn il-partijiet billi l-konvenuta bdiet titlef l-interess fl-attur, tirrifutah ghar-relazzjonijiet intimi u tohrog mal-hbieb, sa kemm fl-ahhar, wara tlett snin, il-hajja konjugali kienet spiccat ghal kollox.

L-attur jghid li meta kien zghir hu kien marad bil-gattone, u ommu kienet qaltlu li t-tabib ta dak iz-zmien kien informaha li din setghet dghajjfitlu serjament l-possibilita' li jkollu tfal fil-futur.

Jikkonferma li, meta huwa kien beda johrog bis-serjeta' mal-konvenuta, ommu kienet gibditlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt, u kienet ukoll issugerietlu sabiex jinforma lill-konvenuta, izda l-attur naqas milli jaghmel hekk ghax kien jibza' li l-konvenuta, allura l-gharusa tieghu, kienet titilqu. B' hekk sa qabel ma saru t-testijiet ghand l-imsemmi professur, huwa ma kienx informaha b' dan il-fatt.

Illi din il-verzjoni tinsab konfortata minn ommu fid-depozizzjoni taghha, li tikkonferma li, matul l-gherusija, hija kienet qalet lill-attur biex jinforma lill-konvenuta b' din il-kondizzjoni tieghu, izda tghid li hi ma rieditx tindahal izjed minhekk.

Illi l-Professur Brincat fid-depozizzjoni tieghu jikkonferma li l-isperm count ta' l-attur kienet baxxa "hafna" u li l-possibilita' li jkollu tfal f'dak l-istat kienet "difficli ghal

remota"[1] Huwa jaqbel li dan seta' kien dovut ghall-marda tal-gattone. Fi kliemu: "Il-gattone fl-adoloxxenti hija perikoluza hafna ghat-testis, u tista' tikkaguna, iva, hija wahda mir-ragunijiet, almenu maghrufa, li twaqqalek l-isperm count drastikament, u tista' tikkaguna nfertilita' fir-ragel."[2]

*Verzjoni Konvenuta*

Tghid li sa minn qabel iz-zwieg hija kienet tesprimi x-xewqa taghha li jkollhom it-tfal u jibnu familja. Hija riedet it-tfal, u wara sentejn miz-zwieg, fuq xewqa taghha, bdew jipprovaw ghat-tfal. Tant riedet it-tfal fiz-zwieg, li kienet accettat li tissottometti ruhha ghal intervent kirurgiku biex tigi assistita l-fertilita', izda b' rizultat negattiv ghax l-isperm count ta' l-attur kien baxx hafna.

Il-konvenuta tikkonferma li kien ferm wara z-zwieg li l-attur qallha bil-marda tal-gattone u li kien hemm possibilita' kbira li hu ma setghax jipprokrea. B' hekk tghid li hassitha ngannata, liema ngann jivvizja l-kunsens matrimonjali taghha.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla l-kaz, bhala wiehed mill-kazijiet li jivvizjaw il-kunsens matrimonjali, fejn "il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra, li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga."[3]

Fil-kaz in dizamina jirrizulta ampjament pruvat li l-attur kellu kwalita' inerenti fih li kienet ta' tfixkil serju ghall-hajja mizzewwga; stante li, din il-kwalita' kienet timpedih milli jkollu t-tfal, li hi wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja konjugali bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Fil-kaz in dizamina, dan in-nuqqas da parti tieghu kien kagun ta' dwejjaq u dizappunt kbir da parti tal-konvenuta li kienet izzewwget

[1] Fol.76
[2] Fol.81
[3] Art.19[1][c]

proprju biex ikollha tfal fiz-zwieg;  u ghalhekk, l-habi mill-attur ta' dan il-fattur inerenti fih, qabel iz-zwieg, jikkostitwixxi xejn anqas minn ingann da parti tieghu fuq il-konvenuta, fit-termini ta' l-artikolu precitat, meta dina, sa minn qabel iz-zwieg kienet esprimiet mieghu x-xewqa qawwija li jkollhom tfal fiz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][c] tal-Kap.255; u ghal dan huwa unikament responsabbli l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effetti fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------